Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/21*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 19 ta' Settembru, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-20

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Attivita fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attivita ta' Jum L-Għasri ser isir il-Ġimgħa 26 ta' Settembru peress li l-għada s-Sibt kemm tal-catering kif ukoll tal-entertainment ma setgħux jiġu. Is-Sindku qal li ikkuntattja lil kantant OzzyLino biex jagħmel l-entertainment filwaqt li l-ikel ser isir minn Country Terrace u Joseph Mercieca. Il-kumitat tal-Armar tal-Festa se jieħdu ħsieb ix-xorb. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar il-Quddiesa diġa tkellem mal-Kappillan biex din issir nhar il-Ġimgħa ukoll. Il-Kunsill qabel li l-attivita issir kif propost mis-Sindku.

Is-Sindku innomina lil Mons. Ġużepp Mintoff għall-Premju Ġieħ L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk ser jinxtara rigal ta' tifkira ta' din l-okkażjoni u jiġi preżentat waqt l-attivita ta' Jum L-Għasri. Peress li Mons. Ġużepp Mintoff jinsab indispost ir-rigal ta' tifkira se jiġi preżentant lil xi membru tal-familja tiegħu. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud se tieħu ħsieb sabiex jinxtara r-rigal ta' tifkira.

Il-Viċi Sindku ippropona li għas-snin li ġejjien il-Kunsill għandu jaħtar Bord sabiex jagħżel il-persuni li jkunu eliġibbli għal Premju Ġieħ L-Għasri. Il-Kunsill qabel ma'

din il-proposta. Għalhekk is-Sindku issuġġerixxa li aktar 'l quddiem ninnominaw persuni li jkunu jistgħu joqgħodu fuq dan il-Bord.

## 4. Kunsill taż-Żgħażagħ

Preżenti kien hawn Stephanie Formosa li hija l-Viċi President tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Stephanie Formosa infurmat lill-Kunsill li illum attendiet hi minflokk l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mario Mizzi peress li huwa kellu laqgħa ma' Ambaxxaturi oħra flimkien mal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Kunsilli Lokali, l-Onor Owen Bonniċi. Il-Viċi President infurmat li l-Kunsill taż-Żgħażagħ kien reġa' iltaqa' u ġew diskussi diversi affarijiet fosthom sabiex l-istess Kunsill jibda l-proċess biex jiġi rikonoxxut bħala Non Government Organization (NGO). Punti oħra diskussi kienu dwar l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, Green Identity, kreazzjoni ta' Google+ Page (simili għal Facebook), biex fil-website uffiċċjali tal-Kunsill ikun hemm paġna dwar il-Kunsill taż-Żgħażagħ, biex tittella' play miż-żgħażagħ fi żmien il-Milied u diversi attivitajiet oħra li jistgħu jiġu organizzati fil-futur. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa attenda għal-laqgħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ u ħeġġeġ liż-żgħażagħ sabiex ikomplu jaħdmu għal ġid tal-lokalita' tal-Għasri.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 25/2014 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.

5.02 Memo 26/2014 – Infiq tal-Kunsilli Lokali.

5.03 Peter Paul Said, il-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol fi Triq Gallina b'konnessjoni mal-proġett li qed isir minn fondi tal-EU taħt il-Miżura 125 talab sabiex il-kuntratt jiġi imġedded. Dan għar-raġuni li l-WSC damu ma ħarġu l-LA u għalhekk ma setgħax jibda bix-xogħol kif kien propost. Is-Sindku informa lill-Kunsill li minn naħa tagħna ukoll tlabna estensjoni ta' xahar lil ARPA għall-istess raġuni. ARPA ikkonfermaw permezz ta' email li se jaċċettaw li jagħtuna estensjoni ta' xahar. Għalhekk il-Kunsill qabel li nagħtu estensjoni ta' xahar lill-kuntrattur Peter Paul Said sabiex ix-xogħol jitlesta sal-aħħar ta' Ottubru.

5.04 Louis Debattista minn Gozo Greyhounds Sports Club informa lill-Kunsill dwar Duathalon li se jorganizzaw u li parti minnha ser issir fil-konfini ta' L-Għasri. Huwa qed jitlob il-koperazzjoni tal-Kunsill biex din tkun tista' issir. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni biex tiġi organizzata d-Duathalon.

5.05 Il-Perit Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill li l-iskema ta' parking bl-arloġġ qed tiġi riveduta u għalhekk it-talba tal-Kunsill biex fi Triq il-Fanal tiġi introdotta din l-iskema ma tistax tiġi ikkunsidrata qabel issir ir-reviżjoni nazzjonali ta' din l-iskema.

## 6. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-21 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

7.01 Is-Sindku ippropona li norganizzaw ħarġa għal Kemmuna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku se jikkordina x-xogħol sabiex tkun tista' issir

din il-ħarġa. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezz għandu ikun sussidjat mill-Kunsill.

7.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Pjazza s-Salvatur in-naħa tal-iskola hemm parti li hija mudlama ħafna u għalhekk ippropona li ninstallaw lampa ġdida. Il-Kunsill qabel li nitolbu għall-approvazzjoni tal-Enemalta biex teħel din il-lampa.

7.03 Midju Farrugia miż-Żebbuġ talab biex jinbena l-ħajt tal-għalqa tiegħu fi Triq Wied L-Għasri peress li partijiet kbar minnhu diġa iġġarrfu. L-istima għat-tħammil ta' dan il-ħajt hija ta' €1215 (VAT inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu għandu imur jara fuq il-post dwar dan il-ħajt u għalhekk tittieħed deċiżjoni fil-laqgħat li jmiss.

7.04 Domenic Camilleri ta' Triq Għammar kien talab u l-Kunsill kien approva biex titranġa parti mit-triq fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri li twassal għall-egħlieqi ta' diversi bdiewa. Il-Kunsill kien qabel li għandna niġbru stima tal-ispejjeż involuti. L-istima għal tqattigħ ta' blat u tindif ieħor hija ta' €531 (VAT inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Wara ikun jonqos li jingħata ftit konkos. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ biex titranġa din it-triq.

7.05 Joe Agius minn Ta' Sannat u li għandu l-egħlieqi tiegħu fl-inħawi tal-bidu ta' Triq Wied L-Għasri talab sabiex jinbena l-ħajt peress li iġġarraf. L-istima għat-tħammil ta' l-ewwel parti ta' dan il-ħajt hija ta' €70.80 (VAT inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li jitranġa dan il-ħajt. Peress li hemm il-possibilta li din it-triq tista' titwessa meta jinbena dan il-ħajt is-Sindku għandu jikkuntattja lil Joe Agius sabiex flimkien imorru fuq il-post u jaraw kif jista' isir ix-xogħol.

7.06 Il-Viċi Sindku ippropona sabiex nikbtu ittra lill-WSC fejn nitolbuhom jirranġaw is-sistema ta' drenaġġ u ilma fi Triq Wied Sara. F'din it-triq ta' spiss ikunu rapportati ħsarat f'dawn is-servizzi u għalhekk il-WSC għandha tikkonsidra li tgħaddi mill-ġdid is-sistema ta' drenaġġ u ilma.

7.07 Is-Sindku ippropona sabiex meta l-Kunsill ikollu l-finanzi Triq il-Fanal (fejn għad m'hemmx tarmak) tinkesa bit-tarmak. Huwa informa wkoll lill-Kunsill li l-Perit Saliba għandu jibgħat l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jieħu fondi tal-Urban Improvement Funds u jintużaw biex titwessa Triq il-Ġonna. Is-Sindku ippropona ukoll biex aktar 'l quddiem meta ikolna l-fondi meħtieġa jitkompla l-'water culvert' ta' Triq il-Fanal. Dan il-'water culvert' jonqsu l-aħħar parti tiegħu.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru, 2014 fis-7.15p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |